MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 871/1994/1

**Seduta ta’ nhar-il Gimgha 24 ta' Ottubru 2003**

**Numru**

**Citaz. Nru. 871/94DS**

**Avukat Dottor Joseph Zammit McKeon, bhala rapprezentant tas-socjeta` Formosa & Camilleri Ltd., u dina bhala agenti Malta tas-socjeta` assikuratrici estera Guardian Royal Exchange Assurance Plc, surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha s-socjeta` Il-Palma Agricultural Supplies Co. Ltd., u b'nota ta' l-10 ta' Marzu 1999 l-Avukat Dottor Joseph Zammit**

**McKeon bhala rapprezentant tas-socjeta` Atlas Insurance Agency Limited agenti Malta tas-socjeta` estera Guardian Royal Exchange Assurance plc surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha s-socjeta` Il-Palma Agricultural Supplies Co. Ltd. assuma l-atti tal-kawza minflok is-socjeta` Formosa & Camilleri Ltd.**

**vs**

**Joseph Ellul Sullivan sive Joseph Mary Sullivan sive Joseph E. Sullivan, u John Ellul Sullivan sive John E. Sullivan, bhala diretturi, ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Sullivan Shipping Agencies Limited, agenti f'Malta tas-socjeta` estera "Carretta and Tavoni International srl"**
**u**
**Godwin Abela ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` The Cargo Handling Co. Ltd.**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-13 ta' Gunju 1994 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta:

Illi s-socjeta' Il-Palma Agricultural Supplies Ltd. importat mill-Italja zewg pallets kontenenti electric water pumps u parts li gew trasportati lejn Malta mis-socjeta' estera Carretta and Tavoni International srl fuq il-bastiment NORASIA MELITA (Dok. 1 sa Dok. 3);

Illi l-bastiment wasal Malta fil-5 ta' Novembru 1993 (Dok.4), u meta l-importatur mar jirtira l-merkanzija, huwa sab li minn wiehed mill-pallets kienu naqsu hames mitt metru (500m) electric cable, kif jirrizulta mis-Schedule tal-Information Form tal-Institute of London Underwriters (Dok.5);

Illi ghan-nuqqas li garrab l-importatur, is-socjeta' assikuratrici attrici, kif obbligata, hallset is-somma ta' mitejn hamsa u disghin lira tmenin centezmu (Lm295.80c)

li minnhom hamsa u tletin lira (Lm35) kienu survey fees, u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet tal-importatur (Dok. 6);

Illi s-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, huma responsabbli ghan-nuqqas fuq riferit (Dok. 7 u 8);

Talab li din il-Qorti:

1. tiddikjara responsabbli lis-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, ghan-nuqqas fuq indikat;

u

2. tikkundannahom nomine, jew min minnhom, li jhallsu lill-attur nomine is-somma ta' mitejn hamsa u disghin lira tmenin centezmu (Lm295.80c) li minnhom hamsa u tletin lira (Lm35) kienu survey fees, in linea ta' danni subiti mill-importatur u surrogati lill-attur nomine bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni, fic-cirkostanzi u minhabba l-obbligi hawn fuq premessi.

Bl-ispejjes, kontra l-konvenuti nomine li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Godwin Abela nomine fejn qal:

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li s-socjeta The Cargo Handling Co. Ltd., ikkonsenjat il-merkanzija "de quo" fl-istess stat li rcevietha u qdiet il-funzjonijiet kollha bid-diligenza rikjesta minnhom mill-ligi;

2. Illi fit-tieni lok ghandha tigi esebita l-polza ta' assigurazzjoni li a bazi taghha qed jigi allegat li dar il-hlas lill-impurtatur u ghandu jigi esebit ukoll ic-cheque li bih sar il-pagamen;

3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall-premess ghandu jigi ppruvat kif l-attur wasal ghall-ammont ta' Lm260.80,0 bhala allegati danni;

4. Illi fir-raba lok u bla pregudizzju ghall-premess ma hemm ebda nteressi dovuti u dan stante li si tratta dwar

azzjoni ta’ danni li ghad irid jigu likwidati u ppruvati fil-kawza nnifisha u di piu l-ebda ammont qatt ma giet kkrotat lill-konvenuti qabel il-presentata ta’ din ic-citazzjoni;

5. Illi fil-hames lok u bla pregudizzju ghall-premess is-survey fees huma ghal kollox esagerati stante li l-ammont ta’ Lm35.00,0 bhala survey fees saru proprio mis-socjeta attrici proprio u ma hemm ebda surroga ghar-rigward ta’ l-istess;

6. Illi fis-sitt lok u bla pregudizzju ghall-premess l-ebda interessi huma dovuti stante li s-socjeta attrici allegatament hallset a bazi tal-obbligazzjonijiet taghha skond il-polza u di piu m’hemm ebda surroga ghar-rigward l-istess interessi u s-surroga hija limitata ghall-ammont deskritt fl-istess somma;

7. Illi fis-seba lok u bla pregudizzju ghall-premess, ghandha tigi esebita ukoll il-Bill of Lading bil-kundizzjonijiet kollha deskritti fuq l-istess Bill of Lading;

8. Illi ghal dawn ir-ragunijiet it-talbiet attrici ghandhom jigu rispinti bl-ispejjes kontra l-attur;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Joseph Ellul Sullivan et nomine fejn qalu:

1. Illi preliminarjament peress li s-socjeta Sullivan Shipping Agencies Limited mhijiex u qatt ma kienet l-agenti f’Malta tas-socjeta estera D. Tripcovich s.r.l., l-eccipjenti et nomine ma ghandhom l-ebda relazzjoni guridika ma l-attur nomine, inoltre lanqas hemm relazzjoni guridika bejn l-attur nomine u s-socjeta Sullivan Shipping Agencies Limited, u ghalhekk l-istess eccipjenti et nomine ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost t-talbiet attrici huma insostenibbli stante li mhuwiex car la mill-okkju u lanqas mill-premessi tac-citazzjoni jekk l-attur nomine qed jippretendi l-hlas ghall-

allegat nuqqas mis-socjeta Sullivan Shipping Agencies Limited jew mill-agenti tas-socjeta estera D. Tripcovich s.r.l. jew mit-tnejn;

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-attur nomine stante li l-eccipjenti et nomine mhumiex responsabbli ghall-allegat nuqqas u m'ghandhom jaghtu l-ebda ammont lill-attur nomine;

4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-allegati survey fees ammontanti ghal hamsa u tletin lira (Lm35) ma jistghux jigu pretizi stante li mhumiex danni ta' l-assigurat;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;
Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tal-11 ta' Novembru 1994 li permezz tieghu giet nominata l-assistenta gudizzjarja Dr. Maria Dolores Gauci sabiex tigbor il-provi tal-partijiet;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti Joseph Ellul Sullivan et nomine fejn qalu:

1. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet ga' ppresentati mill-eccipjent, l-azzjoni attrici fil-konfront ta' l-eccipjent agenti f'Malta tas-socjeta estera Carretta and Tavoni International srl, kif indikata fl-okkju tac-citazzjoni attrici in segwitu ghall-korrezzjoni (mitluba mis-socjeta attrici u) awtorizzata b'digriet tal- 10 ta' Dicembru, 1996, hija azzjoni preskritta u dekaduta a tenur rispettivament ta' l-artikoli 544(e) u 541 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap 13) cioe' preskrizzjoni ossia dekadenza ta' sena mill-wasla tal-bastiment, u subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-imsemmija dekadenza l-istess azzjoni attrici hija in ogni caso preskritta a tenur ta' l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili ) Kap. 16) cioe' preskrizzjoni ta' sentejn mill-allegati danni, peress ghaddew aktar minn tlett (3) snin bejn [a] id-digriet tal-10 ta' Dicembru, 1996 u [b] kemm il-wasal

f’Malta tal-bastiment fil-5 ta’ Novembru, 1993, u kif ukoll ir-rilaxx tal-merkanzija in kwestjoni lill-assigurat tas-socjeta attrici fit-8 ta’ Novembru, 1993. F’dan ir-rigward huwa relevanti wkoll il-fatt li fl-imsemmi digriet tal-10 ta’ Dicembru, 1996 il-Qorti ordnat li l-atti kif korretti “jigu nnotifikati mill-gdid skond il-ligi…..”;

Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.;

Rat is-sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-27 ta' April 2001 li permezz taghha giet milqugha l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti Joseph Ellul Sullivan et nomine u ghalhekk fir-rigward ta' din is-socjeta` konvenuta t-talbiet attrici gew dikjarati preskritti;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Il-mertu ta' din il-kawza jirrigwarda merkanzija importata f'Malta mis-socjeta` Il-Palma Agricultural Supplies Co. Ltd. f'Novembru 1993 u li meta giet konsenjata lilha nstab li kien hemm parti nieqsa, specifikatament *cable* ta' l-elettriku ta' tul ta' hames mitt metru (500 m). Dik is-socjeta` ghamlet *claim* mas-socjeta` assiguratrici attrici li, in soddisfazzjon ta' tali *claim*, halset lis-socjeta` assigurata s-somma ta' Lm260.80. Is-socjeta` attrici qieghda issa titlob rizarciment ta' din is-somma flimkien ma' Lm35 bhala *survey fees*.

Billi, kif diga` ntqal, bis-sentenza preliminari tas-27 ta' April 2001 il-proceduri kontra s-socjeta` konvenuta Sullivan Shipping Agencies Ltd. nomine gew dikjarati preskritti, irid jigi ezaminat jekk tezistix responsabbilta` ghan-nuqqas suriferit tas-socjeta` konvenuta l-ohra The Cargo Handling Co. Ltd. Il-kwistjoni tirrizolvi ruhha bazikament f'ezami ta' zewg mumenti fokali: meta sar it-*tallying* tal-merkanzija li waslet Malta u meta din giet konsenjata lill-importatur.

Qabel xejn pero` jrid jinghad li mill-*packing list* (Dok. 3 a fol. 9) jidher li l-merkanzija kienet imqassma f'zewg *pallets*

u li l-*cable* li nstab nieqes kellu jkun fil-*pallet* numru wiehed (1). Barra minn hekk jirrizulta li dawn il-*pallets* kienu parti minn *groupage container* u skond il-polza ta' kariku relattiva (Dok. 1 a fol. 6) dan tghabba *clean on board*. Il-vapur li fuqu tghabba l-*container* wasal Malta fil-5 ta' Novembru 1993.

Jirrizulta li t-*tallying* tal-kontenut tal-*container* sar fit-8 ta' Novembru 1993. Mit-*tally sheet* esebit minn Peter Bonello ghas-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd. (Dok. PB a fol. 50) jirrizulta li l-merkanzija li nstabet destinata lis-socjeta` Il-Palma Agricultural Supplies Co. Ltd. kienet tikkonsisti f' *75 cartons* u *1 pallet*. Mis-*single tally* li sar mis-socjeta` Sullivan Shipping Agencies Ltd. (Dok. 7 a fol. 14) jirrizulta l-istess.

Issa l-attur nomine stess kien osserva fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu tal-5 ta' Jannar 1998 f'paragrafu numru tmienja (8): *"It-tally sheets juru fil-mument li l-merkanzija ghaddiet mill-kustodja ta' Sullivan Shipping ghal Cargo Handling il-pallet Nru. 2 baqghet intatt filwaqt li l-pallet Nru. 1 kienet miftuha bis-75 cartons kollha hemm pero` bl-electric cable ta' 500 m nieqes"*. Il-Qorti taqbel perfettament ma' din l-osservazzjoni. Li kieku l-*cable* kien jifforma parti integrali mill-*pallet* numru wiehed (1) dan kien jigi ndikat fit-*tally sheets*, ossia fi kliem iehor, kieku l-*pallet* numru wiehed (1) kien intatt, it-*tally sheets* kienu jitkelmu dwar *2 pallets* u mhux *75 cartons* u *1 pallet*.

Fil-mument fokali l-iehor meta l-merkanzija tigi konsenjata lill-importatur, ghandna mbaghad dokument imsejjah *gate pass-out*. Hawn il-Qorti tirreferi ghad-Dok. 8 a fol. 15 tal-process. Minn dan id-dokument jirrizulta li gew konsenjati lill-importatur zewg *pallets* li minnhom pero` wiehed kien miftuh u kien jikkontjeni biss *75 cartons*. Il-Qorti mill-gdid tirreferi ghan-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attur nomine fejn, f'paragrafu numru disgha (9), ighid: *"Il-Gate Pass-Out esebit bhala Dok. 8 jikkonferma li l-assikurat tal-esponent noe rtira l-merkanzija fl-istess stat li kienet fil-mument li ghaddiet fil-kustodja tal-Cargo Handling - u cioe` pallet Nru. 2 shih u 75 cartons bl-electric cable ta' 500 m*

*nieqes"*. Fil-fehma tal-Qorti din hija l-unika interpretazzjoni li tista' tinghata lil dan id-dokument.

Mill-provi ghalhekk jirrizulta li kienu biss it-trasportaturi responsabbli ghan-nuqqas tal-*cable* u s-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd. ma tahti ghal xejn. Hija kkonsenjat lis-socjeta` importatrici Il-Palma Agricultural Supplies Co. Ltd. dak li kienet irceviet minghand is-socjeta` konvenuta l-ohra li, galadarba l-azzjoni kontra taghha giet dikjarata preskritta, ma tistax tigi kkundannata f'din l-istanza.

F'dawn ic-cirkostanzi m'hemmx lok li jigu nvestigati l-eccezzjonijiet l-ohra tas-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd. u ghalhekk tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------